Minuti tal-Laqgħa Nru. 38 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sra. Denise Cutajar |
| Skużati | Is-Sur. Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Miżura 4.3
5. Lattrina
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Caruana qal li mhux huwa kien qajjem il-punt fuq il-bankina li tissemma f' punt 3.1 tal-minuti preċedenti. Huwa qal li kien tkellem fuq il-bankina ta' Triq Ħal Qormi. Huwa qal li hawnhekk hawn anki karozzi għall bejgħ f' din it-Triq.

1.2 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 3.2 iridu jsiru tabelli fuq iż-żewġ naħat.

1.3 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u l-Viċi Sindku Denise Cutajar.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa fuq punt 2.1 tal-minuti preċedenti u appella biex tinżebagħ il-U-Bar.

2.2 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa kif konna bqajna it-traffic management ta' Triq il-Ġdida minħabba l-konġestjoni li kien qed ikun hemm filgħodu. Is-Sindku semma li kienet tressqet talba lit-Transport Malta fuq din is-sitwazzjoni imma ma ġietx milqugħa. Is-Sindku semma li huwa kien se jkollu laqgħa mas-Sur. Scerri fejn kien se jkellmu fuq din ir-rikjesta.

2.3 Is-Sindku semma li għandna nerġgħu niktbu lil Perit David Vassallo fuq it-traffic management li kellu jsir f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jitnaddaf iċ-Ċimiterju ta' Valletta Road.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li l-ħaddiema jridu jerġgħu jieħdu l-vann għat tiswija għax dan reġa bil-ħsara. Is-Sindku semma li wasal iż-żmien sabiex inbiddlu l-vann. Il-Kunsillier Caruana semma li llum nistgħu anki nikkonsidraw li nmorru għall leasing għax b' hekk il-Kunsill ma jkollux x' jaqsam ma ħsarat u affarijiet simili.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li f' dan il-każ nistgħu nikkonsidraw li anki inbiddlu l-garaxx peress li jekk inġibu vann ġdid dan jista ma jkunx joqgħod ġo fih.

3.4 Is-Sindku semma li tajjeb li kif se nikkunsidraw biex nixtru vann ġdid naraw ukoll li l-kabina tkun tieħu biżżejjed persuni biex fejn ikun hemm bżonn dan jintuża biex jġorr persuni anzjani

għad Daycentre. Il-Kunsillier Caruana qal li huwa se jara għall ispecifications x’ jeżistu anki skont il-ħtiġijiet tax-xogħolijiet li jkollu l-Kunsill Lokali.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi siġar tax-xewk fit-Triq tal-Airport li għandhom bżonn jinqatgħu. Is-Sindku semma wkoll li hemm siġar tal-oleander maġenb il-Kappella ta’ San Ġakbu li għandhom bżonn jinżabru.

3.6 Is-Segretarju ressaq email fuq inizjattivi li jistgħu isiru mat-tema tal-Pink October. Il-Kunsillier Caruana issuġġerixxa li nistgħu nagħmlu bike ride marbuta mat-tema.

3.7 Is-Segretarju ressaq email minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq barbeque li kien se jsir biex jikkomemora l-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

3.8 Is-Segretarju ressaq proposta li ngħatat minn naħa tal-Malta Textile Recycling biex tibda ssir kollezzjoni ta’ ħwejjeġ u affarijiet oħra li jistgħu jkunu riċiklati minn wara l-bieb. Is-Sindku qal li din il-proposta kienet tajba u għandna naraw aktar fid-dettal fuqha.

3.9 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk hux qed issir xi ħaġa fuq il-problema tal-ħamiem. Is-Sindku semma li għandha tinħareġ policy ġdida u nkunu nistgħu naraw minn hemmhekk.

3.10 Is-Sindku qal li kellu wkoll laqgħa mal-uffiċċjali tat-TM fejn iddiskuta magħhom fost l-oħrajn il-kwistjoni tal-għargħar li hemm fi Triq il-Karmnu. Huwa qal li dawn l-uffiċċjali qalulu biex il-Kunsill Lokali isib Perit biex jagħmillu stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn isiru imbagħad jgħaddi din l-istima lil TM biex imbagħad la l-Kunsill ikun lesta x-xogħolijiet jitlob refund lil Awtorita tagħhom.

3.11 Il-Kunsilliera Massa saqsiet kif konna bqajna fuq il-bus shelters. Is-Sindku qal li aħna konna applikajna mill-ġdid għalihom.

3.12 Is-Segretarju fakkar lil dawk il-Kunsilliera li kienu se jattendu għas seminar tal-EPPS biex jagħtuh id-dettalji.

3.13 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem mas-Sur. Natalino Attard sabiex jekk hemm fondi disponibli li minhom jista jkun iffinanzjat parti mill-ispejjeż tal-Monument li sar tal-Gwerra. Huwa qal lis-Segretarju biex jibgħatlu email.

3.14 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk konniex irċevejna xi ħaġa bil-miktub fuq liem toroq kienu se jsiru minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li minn naħa tat-TM kienu infurmawh li se jsiru Triq Wied in-Noqor u Valletta Road.

3.15 Is-Sindku qal li huwa kien kellimhom ukoll fuq it-traffic island li hemm maġenb il-fabbrika tal-General Soft Drinks għax din kellha bżonn tkun irranġatta.

## 4.0 MIŻURA 4.3

4.1 Is-Sindku tkellem fuq miżura 4.3 ta Triq il-Karmnu fejn qal li l-Kunsill kien talab għall extension tad-data biex jitlesta l-proġett sal-15 t’ Ottubru. Huwa qal li l-kuntrattur bħalissa

okkupat b' xogħolijiet oħra kbar tat-Toroq u din kienet l-aħjar soluzzjoni. Huwa qal li minn naħa tal-Managing Authority laqgħu din it-talba tal-Kunsill.

## 5.0 LATTRINA

5.1 Is-Sindku semma li peress li fuq il-lattrina ta' Triq Dun Pawl kien suġġerriet biex din terġa tinbena mill-ġdid, ma jaqbilx li l-Kunsill jerġa jġedded il-kuntratt fuq din il-lattrina, sakemm ikun tlesta x-xogħol ippjanat.

5.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk din il-lattrina kinitx se titwaqqa. Is-Sindku qal li jekk titwaqqa u terġa tinbena din tkun spiża għolja ħafna. Il-Kunsillier Caruana semma li huwa kien qed jistaqsi hekk peress li nistgħu nippjanaw x' se jsir barra anki bħala aċċess.

5.3 Is-Sindku semma li fuq ġewwa tista ssir kmara waħda biss anki peress li issa hawn l-ugwaljanza fis-sessi. Huwa qal li se jkellem lill-Perit biex jinstab l-aħjar użu għall ispazju.

5.4 Is-Sindku semma li l-lattrina tal-Bandli ma nistgħux inħalluha aktar tibqa aktar miftuħa matul il-lejl ghax tkun f' riskju ta' vandaliżmu. Huwa qal li kien avviċina lil ċerta waħda Helen Micallef peress li din kienet uriet ix-xewqa li tieħu ħsiebħa. Huwa qal li kien se jara jikkordinax fuq meżż kif din tkun tista tnaddafha u tagħlaqha u speċjalment matul il-weekend tibqa f' kundizzjoni tajba. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dan is-suġġett.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 10 ta' Lulju 2018 fis-6.00 p.m. Kien hemm il-ġurnata tas-7 t' Awwissu 2018 fl-4.00 pm proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |